MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2001

Avvi$Z Numru. 247/2001/1

**Avviz numru 247/01 DM**

**P.J. Sutters Co. Ltd.**

**Vs**

**Super Master Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija, erbgha u tletin lira Maltin u sebgha u tletin centezmi (Lm634.37c) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' merkanzija debitament mibjugha lill-konvenuti mis-socjeta` attrici u dana fuq ordni u inkarigu specifiku tal-konvenuti, bl-imghax sal-gurnata tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-prezenti, u dan kollu

kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara illi l-Qorti semghet lil Joseph Rapa, prodott mill-kumpanija attrici bil-gurament, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qeghda tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' sitt mija u erbgha u tletin liri Maltin u sebgha u tletin centezmi (Lm634.37c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mid-29 ta' Marzu, 2001.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------